Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,574, 21 ta' Jannar, 2026
Taqsima B

A.L. 13 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Construction Management taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Construction Management taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Construction Management;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Construction Management;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Construction Management; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u l-esperjenza li jissodissfaw lill-Bord, permezz ta' intervista, li jkunu laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom biex jidħlu fil-Kors flimkien ma' kopja tal-*Curriculum Vitae* (C.V.) tagħhom.

(3) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn għall-anqas tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' żewġ semestri ta' studju full-time jew l-ekwivalenti ta' studju part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn għadd ta' taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju mfassal skont il-provvedimenti relevanti tar-Regolamenti Prinċipali u approvati mis-Senat. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett li jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet-studji u jiksbu kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li jkunu komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu ntitolati għall-għoti taċ-Ċertifikat.

8. L-istudenti jkunu eliġġibli għall-għoti tad-Diploma jekk jiksbu s-60 krettu ECTS kif imniżżel fil-programm ta' studju għall-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba waqt il-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

(3) L-għotja taċ-Ċertifikat ma tkunx ikklassifikata.